**4 ta' Frar, 1964,**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Joseph Lungaro Mifsud noe

*versus*

Albert Inguanez

**Azzjoni kontra il-Kuruna — Preskrizzjoni — Art. 2220(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex jiġu newtralizzati d-dispożizzjonijiet tal-art. 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili li jeskludi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kontra l-kuruna il-preskrizzjoni trid tkun taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2254, 2258, 2259, 2260, u 2261 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bieh l-attur nomine — peress illi l-konvenut irċieva bħala assistenza soċjali taħt il-provvediment tal-Att tal-1956 dwar l-Għajnuna Soċjali s-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira, erba xelini u sitt soldi għall-perijodu mill-11 ta' Marzu, 1959 sat-2 ta' Marzu, 1961. Liema somma ġiet lilu mogħtija indebitament u meta ma kellux ebda jedd għaliha kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazjoni tal-kawża; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni talab li l-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti illi jirrifondi u jħallas lill-attur fil-kwalita' fuq imsemmija s-somma ta' mitejn wieħed u ħamsin lira, erba xelini u sitt soldi (£251.4.6.) bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru, 1962, u bl-imgħaxijiet legali minn notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine u n-nota taxxiehda tiegħu;

Rat n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-azzjoni ta' l-attur nomine hija preskritti peress li għaddew aktar minn sentejn min meta l-attur seta' jeserċita l-azzjoni, kieku kellu raġiun; illi mingħajr preġiudizzju għall-permess, il-konvenut ma ha xejn, mingħand l-attur nomine li ma kienitx tistħoqqlu; li l-esponent ukoll qed jiġi mċaħħad mill-għajnuna soċjali li tixraqlu kawża tal-pretensjoni infondata ta' l-attur;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li t-talba odjerna għandha bħala kawżali rifuzzjoni ta' flus li l-konvenut irċieva indebitament mingħand l-attur nomine, bħala assistenza soċjali taħt il-provvediment tal-Att tas-sena 1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali, u dana għall-perjodu mill-11 ta' Marzu, 1959, sat-2 ta' Marzu, 1961, liema pretensjoni ġiet uffiċjalment komunikata lill-konvenut b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru, 1962.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut qiegħed jopponi għat-talba tal-attur nomine l-preskrizzjoni biennali kontemplata mill-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, li tibda tiddekorri skond dana l-artikolu "min dak inhar illi dak li lilu tmiss l-azjoni jikxef l-iżball".

Ikkunsidrat:

Li l-attur nomine fin-nota tal-osservazzjonijiet qanqal ir-raġunijiet, biex jiżnatura l-kawżali tat-talba, dina l-Qorti, pero' mhiex tal-fehma li għandhom jiġu konsidrati għal fini ta' dina l-kawża;

(1) Għaliex qabel xejn il-kawżali hija ċara fiha nnifisha.

(2) Għaliex ma tistax titbiddel il-kawżali la darba dina tkun ġiet espressament dikjarata, bħala motiv ewlieni tat-talba (Kollez. XXXIV, 108, u 85).

(3) Għaliex, l-attur nomine impernja t-talba fuq kawżali ta' indebitu, billi ġustament jirritjeni li il-flus konsenjati lill-konvenut ma kienux jistħoqqulu, rekwisit dana li

qiegħed a bazi ta' dejn simili għal dak li tiegħu l-attur qiegħed jitlob il-ħlas, in via ta' rifusjoni.

Ikkunsidrat:

Li, pero' għalkemm l-azzjoni tal-attur hija dik ta' indebitu u skond il-ġurisprudenza, mhiex proprjament preskrizzjoni iżda żmien ta' dekadenza; eppure billi tipparteċipa min-natura tal-preskrizzjoni, dina l-Qorti hija tal-fehma — Għalkemm ebda osservazzjoni ma ġiet sollevata in proposítu mill-attur — li ma tistax tiġi opposta kontra d-drittijiet u azzjonijiet spettanti lill-Kuruna (art. 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili). Dina d-disposizzjoni hija radikata fid-dritt Ruman (Ist. 11, Irt. VI, para 9) fejn jingħad "Res fisci nostri usucapi non potest"; u ddistakkat ruħha mill-Kodiċijiet Franċis u Taljan li m'għandhomx disposizzjoni analoga peress li assoġġettaw l-Istat għall-istess liġi tal-preskrizzjoni li hija applikabbili għall-kulħadd. Dina d-disposizzjoni tal-liġi, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell ( Kollez. XII, 485) baqgħet n vigore sa żmienna, u ġiet ripetuta fl-Ord. VII, tal-1868, u preċiżament fl-art. 1879, li jikkorispondi għall-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 23 tal-liġijiet ta' Malta. Dina l-liġi hija applikabbili dejjem barra mill-każi li fihom huwa provdut speċjalment (art. 2221 Kod. Ċiv). Dana d-diviet ġie inkorporat fil-Proklami ta' Maitland Nru. 1 tal-10 ta' Frar, 1815, u dak nru. IV tas-27 ta' Marzu, 1824 fejn ġie dispost li "Nessun termine di prescrizione di qualsiasi specie può applicarsi alle pertinenze della Corona in queste Isole"; liema proklami ġew konfermati in segwitu fl-art. 2220 (2) tal-Kod. Ċiv. Kollez. XXIII, 1, 67).

Ikkunsidrat:

Li, għal dawna l-motivi l-preskrizzjoni sollevata mill-

konvenut ma tistax tiġi milqugħa għaliex ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għad-disposizzjoni "de quo" taħt l-Artikoli 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261 tal-Kodiċi Ċivili ma tirrikorri biex tinnewtralizza d-disposizzjon. tal-art. 2220 (2) ġja fuq ċitat. Meta l-leġislatur infatti, ried li l-preskrizzjoni jkollha effikaċja kontra l-Kuruna, qalu espressament bħal ma jidher mill-art. 2254 (e) u 518 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kollez. XXXV, 11, 431).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad il-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' indebitu sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna li l-kawża titkompla fil-mertu.